# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**MHALLEF**

**ONOR. LORRAINE SCHEMBRI ORLAND**
**LL.D., M.Jur. (Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 31 ta' Mejju 2018**

**Kawza Numru : 11**
**Rikors Guramentat Numru : 163/2018/LSO**

**Hachem (k.I.105222A) u Kristina (K.L 46090M) konjugi Alstif f'isimhom proprju u bhala kuraturi *ad litem* ta' binthom minuri Maya li fic-certifikat tat-twelid taghha kunjomha gie ndikat bhala Alastif flok Alstif**

**vs**

**Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

## <u>I. PRELIMINARI.</u>

Rat ir-rikors guramentat ta’ Hachem u Kristina konjugi Alstif datat 21 ta’ Frar 2018 fejn bir-rispett u bil-gurament taghha kkonfermat Kristina Alstif:

Illi r-rikorrenti kienu kkuntrattaw zwieg civili hawn Malta fit-28 ta' Novembru 2012 u ghaldaqstant, minkejja illi r-rikorrenti Hachem Alstif huwa ta' nazzjonalita` Sirjana b'martu r-rikorrenti l-ohra Maltija u issa ilhom izjed minn hames snin mizzewgin, il-konjugi rikorrenti ghamlu applikazzjoni fejn talbu lil Awtoritajiet Maltin sabiex Hachem Alstif jinghata cittadinanza Maltija, applikazzjoni din illi qieghda fil-kors li tigi accettata.

Illi matul iz-zwieg taghhom ir-rikorrenti kellhom tarbija, Maya li twieldet fil-21 ta' Jannar 2016 u li fic-certifikat tat-twelid taghha, numru ta' registrazzjoni 899/16, u dana bi zball, kunjomha kien gie miktub bhala Alastif minflok Alstif kif inhu l-kunjom reali tar-rikorrenti Hachem kif johrog car ukoll mic-certifikat taz-zwieg numru ta' registrazzjoni 3121/2012 tal-koppja rikorrenti **Dokument A u B** rispettivament annessi.

Illi mhux biss fic-certifikat taz-zwieg izda sahansitra fil-passaport tieghu li kopja tal-pagna ndikattiva fih isem ir-rikorrenti Hachem huwa ndikat korrettament u cioe' jinkiteb Alstif u mhux miktub, fic-certifikat tat-twelid tal-minuri Maya u dana f’ zewg intestaturi fejn hemm indikat kemm kunjom

it-tarbija kif ukoll kunjom missierha bhala Alastif, kopja ta' liema pagna tal-passaport qed tigi hawn annessa u mmarkata bhala **Dokument C.**

Illi ghalhekk iz-zewg rikorrenti konjugi Alstif ghandhom kull interess illi binthom ma' tibqax ikollha kunjom miktub b'mod differenti mill-kunjom attwali li bih twieled u ghex hajtu s'issa missier it-tarbija kif ukoll il-kunjom li dejjem gabet l-esponenti martu mid-data taz-zwieg taghhom sal-lum.

Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza u dana a tenur tal-Artikolu 253 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Illi l-fatti hawn fuq esposti huma kollha maghrufa lill-esponenti personalment.

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet premessi jghid l-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex, prevja li tordna l-hrug tal-avviz *ai termini* tal-Art 254 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta, u prevja wkoll dawk il-provvedimenti kollha li jidhrilha opportuni:

1. Tiddikjara u tiddeciedi li l-minuri Maya sal-lum ghandha l-kunjom taghha ndikat fic-certifikat tat-twelid relattiv bil-kunjom Alastif, ghandha l-kunjom proprju taghha l-istess bhal dak tal-genituri taghha r-rikorrenti u cioe' Alstif u dana sabiex kemm ir-rikorrenti pero' b'mod partikolari binthom Maya ma tiffaccax diffikultajiet fil-futur minhabba li sal-lum kunjomha huwa miktub differenti minn dak li attwalment hu;

2. Tordna lill-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jemenda l-att tat-twelid tal-minuri Maya u taht l-intestatura isem il-wild kif ukoll taht l-intestatura isem u kunjom u post tat-twelid tal-missier fl-istess certifikat il-kunjom Alastif kif miktub ghandu jinkiteb biex jinqara Alstif.

3. Konsegwentement taghti kull provvediment iehor opportun u necessarju sabiex issir ir-registrazzjoni u konsegwenti emenda fl-Att tat-Twelid tal-esponenti a tenur tat-tieni talba attrici.

Bl-ispejjez kontra l-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku, minn issa msejjah ghas-subizzjoni tieghu.

Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tas-17 ta' April 2018.

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku datata 17 ta' April 2018 (fol 15) fejn Dr Astrid May Grima ghan-nom u in rapprezentanza ta' l-istess Direttur bil-gurament taghha ddikjarat u kkonfermat :-

1. Illi *in limine litis* huwa mehtieg li b'ordni tal-Qorti, ta' lanqas hmistax-il gurnata qabel is-smigh tal-kawza ssir id-debita pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern a tenur tal-Artikolu 254 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Illi bla hsara ghall-premess u fil-mertu, l-esponenti tirrileva li mhijiex edotta mill-fatti li gew iddikjarati fir-rikors guramentat;

3. Illi *stante* t-talba kif dedotta, tajjeb li jkun sottolinejat li Artikolu 253 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta taghti biss lok ghal korrezzjonijiet f' ismijiet u mhux f'kunjomijiet salv pero' jekk ma jkunx hemm xi zball genwin li ghandu jkun wiehed car u evidenti, hekk kif gie enuncjat fid-dibattiti parlamentari u giurisprudenza nostrana;

4. Illi bla pregudizzju ghas-suespost, l-esponenti tissottometti illi ma jidhirx li hemm xi dikjarazzjoni ta' zball da parti l-esponent fir-rikors guramentat tar-rikorrent u lanqas zball da parti l-esponent fl-Att t-Twelid tal-minuri Maya li jgib in-numru progressiv 899/2016, liema Att inhareg mid-Dipartiment tar-Registru Pubbliku u jinsab anness u mmarkat bhala 'Dok. DRP 1';

5. Illi maghdud mal-premess, l-esponenti tkompli tissottometti illi fil-proceduri istanti fir-rigward tal-korrezzjoni fl-Att tat-Twelid tal-minuri, l-esponenti hija tal-umli fehma illi r-Registru Pubbliku m'ghandux jinzamm responsabbli ta' din id-diskrepanza fil-kaz *de quo,* u dan ghaliex kienet proprju Kristina Alstif li ddikjarat l-informazzjoni kollha misjuba fl-Att tat-Twelid tal-minuri, u ghal dawn il-fini d-dikjaranta stess kienet iffirmat l-Att in kwistjoni. Ghaldaqstant, galadarba Kristina Alstif, id-dikjaranta fuq l-Att tat-Twelid in kwistjoni, accettat l-informazzjoni inserita minnha fl-Att u kkonfermat illi tali informazzjoni kienet wahda korretta permezz tal-firma taghha, dan kollu ma jirrizultax illi b'hekk kien sar xi nuqqas min-naha tar-Registru Pubbliku;

6. Illi ghaldaqstant, fil-mertu l-esponenti ser tirrimmetti ruhha ghall-ghaqli u savju gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti fir-rigward tat-talba kif dedotta;

7. Illi bla pregudizzju ghal fuq espost, l-esponenti tissottometti li fi kwalunkwe kaz, l-azzjoni tar-rikorrenti mhijiex attribwibbli ghal xi ghemil jew nuqqas ta’ agir ta' l-esponenti u kwindi hija m'ghandhiex tigi assoggettata ghall-ispejjez tal-kawza istanti;

10. Salv eccezzjonijiet ulterjuri. Bl-ispejjez kontra l-atturi li qeghdin jigu ingunti in subizzjoni.

Rat il-verbal tas-seduta tat-Tlieta, 17 ta’ April 2018 Meta ssejhet il-kawza dehru d-difensuri tal-partijiet. Dr Ellul ghamlet referenza ghan-nota tal-eccezzjonijiet tal-intimat fejn irrimetta ruhu ghal gudizzju ta' din il-Qorti. Id-difensuri tal-partijiet iddikjaraw li m'ghandhomx provi izjed. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghall-31 ta' Mejju 2018 fid-9:30a.m.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

Illi din il-kawza qed issir *ai termini* tal-artikoli **253 *et sequitur*** tal-Kodici Civili li jaghtu dritt lil kull persuna li

taghmel talba gudizzjarja ghall-korrezzjonijiet fir-registrazzjoni ta' ismijiet ta' l-atti ta' l-istat civili.

Illi l-pubblikazzjoni *ai termini* tal-**artikolu 254 tal-Kap 16** tal-Ligijiet ta' Malta saret debitament fit-2 ta' Marzu 2018 (fol 11) u b'hekk l-ewwel eccezzjoni tad-Direttur intimat hija sorvolata.

Illi r-rikorrenti qed jitolbu li binthom minuri, fl-att tat-twelid taghha ghandha tkun indikata bil-kunjom korrett tal-genituri taghha "Alstif", ghalhekk qed jitolbu s-sostituzzjoni tal-kunjom imnizzel "Alastif" bil-kunjom "Alstif".

Ikkunsidrat li l-intimat irrimetta ruhu ghad-decizjoni tal-Qorti ghal dak li jikkoncerna l-mertu ta' din il-kawza.

Referibbilment ghat-tielet eccezzjoni tal-intimat, tqies li t-talba odjerna tinkwadra fit-termini tal-artikolu 253(1) tal-Kap 16, billi dak li qed jintalab huwa li jigi korrett zball ossija diskrepanza fil-mod kif inhu spellut il-kunjom.

Minkejja dan, fil-mertu r-rikorrenti ghandhom jippruvaw ghas-sodisfazzjon tal-Qorti li l-kunjom ta' missier il-minuri Maya huwa verament "Alstif", *stante* li hawnhekk, *si tratta* tal-kunjom u l-identita` vera tal-persuna. Ghal dan il-ghan, ir-rikorrenti esebew certifikat taz-zwieg taghhom, esebit bhala Dok A, fejn il-kunjom indikat huwa "Alstif", kif ukoll kopja tal-passapor tar-rikorrent Hachem Alstif, bhala Dok C fejn huwa indikat bil-kunjom "Alstif".

Fid-dawl ta' dawn id-dokumenti esebiti, din il-Qorti hija tal-fehma li r-rikorrenti rnexxielhom jippruvaw li l-kunjom ta' missier il-minuri Maya huwa "Alstif". Ghalhekk, ser takkolji t-talbiet tar-rikorrenti.

Izda, taqbel ma' l-intimat li ma jirrizultax li sar zball fir-registrazzjoni fl-att tat-twelid tal-minuri Maya, *stante* li l-att tat-twelid esebit mar-risposta tal-intimat Dok DRP1, jinsab iffirmat mid-dikjaranta Kristina Alstif. Ghalhekk, taqbel li l-intimat m'ghandux jigi addebitat bl-ispejjez ta' dan il-kaz.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi**, billi tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti kif gej:

1. Tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara li l-kunjom tal-minuri Maya huwa "Alstif" u mhux kif indikat fl-att tat-twelid taghha "Alastif".

2. Tilqa' t-tieni talba u tordna lid-Direttur intimat sabiex jikkoregi l-att tat-twelid tal-minuri Maya bin-numru 899 tas-sena 2016 sabiex taht l-Intestatura "isem il-wild" kif ukoll taht l-intestatura "Isem u kunjom u post tat-twelid tal-missier, il-kunjom "Alastif" ghandu jigi sostitwit bil-kunjom "Alstif".

Tordna li d-Direttur tar-Registru Pubbliku jigi nnotifikat b'kopja tas-sentenza ta' din l-Onorabbli Qorti u dan skont l-**artikolu 256 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta**.

**L-ispejjez jithallsu mir-rikorrenti.**

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Lorraine Schembri Orland**
**LL.D., M.Jur.(Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**
**31 ta' Mejju 2018**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur**
**31 ta' Mejju 2018**